# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 16 ta` Dicembru 2019**

**Kawza Nru. 3**
**Rikors Nru. 984/2017 JZM**

**Paul Bennett**
**[K.I. numru 312717(L)]**

***kontra***

**Marion Cachia**
**(K.I. numru 534172(M))**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-27 ta` Ottubru 2017 li jaqra hekk :–

*1. Permezz ta` banker`s draft li jgib id-data tat-8 ta` Awwissu 2013, irrikorrenti ghadda lill-intimata s-somma ta` tmienja u tletin elf lira sterlina (38,000), ekwivalenti llum ghas-somma ta` tnejn u erbghin elf, seba` mija u sitta u disghin ewro u disgha centezmu (€42,796.09).*

*2. Se jirrizulta waqt is-smigh ta` dan ir-rikors guramentat illi r-rikorrenti kien qieghed isofri minn diffikultajiet ta` natura psikjatrika, dizordni mentali, u/jew kundizzjonijiet ohra, apparti l-fatt illi ma kienx kapaci jifhem jew li jkollu l-volontà, inkella ma kellux il-fakultajiet mentali u/jew l-uzu tar-raguni mehtiega biex jitqies illi huwa kien kapaci jikkuntratta volontarjament u liberament. Se jirrizulta allura illi r-rikorrenti kien inkapaci fil-ligi illi jaghmel tali trasferiment. B`hekk, ghal dawn ir-ragunijiet jew liem minnhom, id-donazzjoni ma tiswiex u jisthoqqilha tigi dikjarata nulla.*

*3. Apparti hekk, id-donazzjoni ma tiswiex ukoll stante l-fatt illi ma saritx b`att pubbliku, kif jehtieg l-artikolu 1753 (l) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta — ghaldaqstant, din l-istess donazzjoni ghandha, fi kwalunkwe kaz, tigi dikjarata nulla, biex b`hekk, il-partijiet jitpoggew fi status quo ante din l-istess donazzjoni.*

*4. Ir-rikorrenti jaf personalment b`dawn il-fatti kollha.*

*Raguni tat-Talba*

*Stante l-fatt illi d-donazzjoni ossia l-ghotja tal-flus hija nulla, kemm minhabba l-fatt illi meta saret ir-rikorrenti kien inkapaci li jaghmilha, kif ukoll stante l-fatt li hija karenti l-formalitajiet mitluba mil-ligi, ir-rikorrenti qieghed jitlob biex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara id-donazzjoni nulla, u tghaddi b`hekk biex tqieghed lill-partljiet fi status quo ante din l-istess donazzjoni.*

*<u>Talbiet</u>*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa necessarja u opportuna :*

*1. Tiddikjara u tikkonferma illi r-rikorrenti kien inkapaci fil-ligi li jaghmel senjatament it-trasferiment permezz ta` banker`s draft li jgib id-data tat-8 ta` Awwissu 2013.*

*2. Tiddikjara u tikkonferma illi inoltre illi d-donazzjoni ossia t-trasferiment tal-flus permezz ta` banker`s draft li jgib id-data tat-8 ta` Awwissu 2013 hija karenti mill-formalitajiet mehtiega mil-ligi, senjatament mill-artikolu 1753(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*3. Tiddikjara ghalhekk, b`konsegwenza tad-dikjarazzjonijiet maghmula skont it-talbiet precedenti, jew liem minnhom, illi d-donazzjoni ossia t-trasferiment permezz ta` banker`s draft li jgib id-data tat-8 ta` Awwissu 2013 hija nulla u minghajr effett fil-ligi.*

*4. Tiddikjara ghalhekk illi l-partijiet ghandhom jitpoggew fl-istat li kienu qabel sehh tali trasferiment, u tordna b`hekk lill-intimata tirrestitwixxi is-somma minnha mircieva minghand ir-rikorrenti.*

*Bl-imghax legali, kalkolabbli mit-8 ta` Awwissu 2013.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata, illi tinsab minn issa ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti li kienu annessi mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fid-<u>9 ta` Marzu 2018</u> u li taqra hekk :-

*1. Illi fl-ewwel lok l-attur ghandu jindika kjarament jekk huwiex qieghed isejjes ebda parti mit-talba tieghu fuq ebda wahda mill-kawzali indikati taht l-art. 1222 u dana sabiex l-esponenti tkun tista` tirregola ruhha f`dan ir-rigward ukoll billi tressaq kwalunkwe eccezzjoni opportuna f`dan ir-rigward inkluza l-preskrizzjoni a tenur tal-istess art. 1222 tal-Kodici Civili jekk ikun il-kaz.*

2. *Illi, fit-tieni lok u Interament minghajr ebda pregudizzju ghas-surreferit, m` huwiex minnu li l-banker`s draft mertu tal-kawza odjerna inghata lill-esponenti esklussivament b`titolu gratuwitu u dana ghaliex tali banker`s draft gie mghoddi lill-esponenti wkoll bhala kunsiderazzjoni ghas-servizzi rezi minnha lill-istess attur kif ser tigi pruvat matul it-trattazzjoni ta` dina l-istess kawza. Ghaldaqstant f`dan ir-rigward japplika dak provdut taht l-art. 1739 u 1740 tal-Kodici Civili. Ghalhekk ukoll l-ghotja tal-banker`s draft mhijiex nulla mill-aspett formali.*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz l-art. 1753(1) tal-Kod1ci Civili (li jipprovdi li d-donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b`att pubbliku) m`huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami u dana ghaliex, a tenur tas-subartikolu (2) tal-istess art. 1753 tal-Kod1ci Civili, tali formalita` mhix mehtiega ghal rigali, li jinghataw minn id ghal id, ta` flus jew ta` hwejjeg mobbli korporali ohra, ta` titoli ghall-portatur, jekk is-somma jew il-valur taghhom ikun zghir, meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u cirkostanzi ohra u wkoll ghal titoll negozjabbli. Ghalhekk ukoll id-donazzjoni tal-banker`s draft mhijiex nulla mill aspett formali.*

4. *Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzu ghas-surreferit, m`huwiex minnu li l-attur kien legalment inkapaci li jwettaq tali trasferiment kif minnu mistqarr permezz tar-rikors guramentat tieghu u dana ghaliex, fil-fatt huwa kien jaf ben tajjeb dak li kien qed jaghmel tant illi mhux biss kien hu stess li mar il-bank u ta l-istruzzjonijiet necessarji sabiex jinhareg il-banker`s draft imma kien hu wkoll li ghaddieh volontarjament lill-esponenti b`radd il-hajr ghall-hbiberija u assistenza taghha u ghas-servizzi prestati mmnha.*

5. *Illi fi kwalunkwe kaz ma jezistu ebda ragunijiet li jistghu b`xi mod irendu d-donazzjoni jew l-ghotja maghmulha mill-attur favur l-esponenti nulla, annullabbli jew altrimenti invalida u/jew rexxindibbli ai fini u effetti tal-ligi u dana kemm mill-aspett formali u kif ukoll mill-aspett essenzjali.*

6. *Illi ghaldaqstant ma jezistu ebda ragunijiet li jiggustifikaw b`xi mod li l-partijiet jigu rezi fl-istatus quo ante u/jew li jiggustifikaw ir-restituzzjoni min-naha tal-esponenti tas-somma mghoddija lilha validament skont il-ligi.*

7. *Illi, interament mmghajr ebda pregudizzju ghas-surreferit, fir-rigward tal-imghaxijiet ghandhom japplikaw is-subincizi (3) u (4) tal-art. 1209 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tar-rata tal-kambju ghandu jigi determinat x`kienet ir-rata tal-kambju fid-data li fiha nghata l-banker`s draft de quo.*

8. *Illi konsegwentement it-talbiet kollha attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti jew min minnhom.*

9. *Illi l-eccezzjonijiet qeghdin jigu hawnhekk imressqin ilkoll minghajr pregudlzzju ghal xulxln.*

10. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess attur.*

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda li kienu prezentati mar-risposta guramentata.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta` Marzu 2018 il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent sabiex il-verbali tal-udjenzi jkunu bl-Ingliz. Fl-istess waqt tat direzzjoni fis-sens illi kull provvediment li jkun irid jinghata *pendente lite* kif ukoll is-sentenza finali jkunu bil-Malti.

**Rat illi fl-udjenza tas-27 ta` Marzu 2018, l-attur iddikjara li t-talbiet ma kienux imsejsa fuq l-Art 1222 tal-Kap 16, izda kemm fuq l-inkapacita` mentali tieghu li jikkontratta, kif ukoll fuq difett ta` forma. In vista ta` din id-dikjarazzjoni, il-konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni.**

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Xiehda</u>

Il-partijiet iltaqghu ghall-habta tal-2006/2007 waqt attivita` socjali. Minn hemm bdiet hbiberija. Billi l-attur kien jirrisjedi l-Ingilterra, il-partijiet kienu jzommu kuntatt regolari, billi anke jitkellmu dwar il-hajja personali taghhom. Ir-rikorrent kien jigi Malta madwar darbtejn fis-sena, u l-partijiet kienu jiltaqghu u anke johorgu flimkien. L-intimata kienet anke tiehu hsieb tigbor lir-rikorrent mill-ajruport, u twasslu lura. Kienet ukoll twasslu kull fejn ikollu bzonn, inkluz l-isptar hdejn familjari tieghu li kienu jghixu Malta.

Sa mill-bidu nett l-attur kien jithassar lill-konvenuta minhabba s-sitwazzjoni familjari taghha, u diffikultajiet ohra illi sabet ruhha fihom fil-hajja. Fl-2009, mietet ommu, mietu wkoll zewgt ihbieb kbar tieghu, u miet ukoll il-qattus li kellu. Dawn l-imwiet hallew impatt negattiv fuq l-attur.

Il-hbiberija bejn il-partijiet kompliet tikber tant illi fl-2009, Peter Bennett (li jigi hu l-attur) ghamlet prokura sabiex il-konvenuta tidher f`ismu fuq kuntratt ta` donazzjoni li sar fil-11 ta` Novembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi, b`liema att l-attur akkwista s-sehem ta` huh Peter Bennett mid-dar ta` ommhom.

**<u>Il-konvenuta</u>** xehdet illi, wara li dehret fuq dan l-att, l-attur kien sahaq maghha illi kien ser jibqa` grat lejha ghal dejjem. Stqarr ukoll maghha illi go Malta ma kellux hbieb ohra bhalha illi seta` jafda. Min-naha taghha l-konvenut tghid illi qatt ma talbet flus ghal kull ma ghamlet mal-attur.

**<u>L-attur, u anke Karen Baker</u>** xehdu illi fl-2012 mietet iz-zija tal-attur, li ghalkemm kienet tghix Malta, kien qrib taghha hafna.

Dwar din il-persuna, **<u>il-konvenuta</u>** tixhed bil-preciz illi z-zija tar-rikorrent mietet fid-19 ta` April 2012. Tghid illi f`dik l-istess sena hija bdiet relazzjoni ma` Arthur Dimech. Tghid illi kienet tmur izzur iz-zija

tar-rikorrent darbtejn f`gimgha meta kienet rikoverata u kienet ukoll tipprepara ikel ghaliha. Tixhed li hi u Dimech kienu mal-attur ir-Residenza San Vincenz de Paule meta kienet infurmata li z-zija tal-attur kienet mietet. Fix-xhur ta` wara kienet tmur ic-cimiterju tqieghed il-fjuri fuq il-qabar taz-zija tal-attur.

Jidher illi wara dawn l-imwiet, l-attur hassu wahdu u s-sitwazzjoni tieghu ma kienet felici xejn. Ghall-habta ta` Settembru 2012, meta mar lura l-Ingilterra, l-attur hassu ezawrit. Intefa` go sodda u ma riedx jinqala` minnha.

**Karen Baker** ikkonfermat illi l-imwiet kellhom effett negattiv notevoli fuq l-attur. Billi kienet habiba qrib hafna tieghu, setghet tosserva li s-sahha mentali tieghu kienet qeghda tmur lura. Tghid illi l-mewt taz-zija : "*practically broke Paul down*"[1].

F`Settembru 2012 il-partijiet ghamlu l-hsieb illi l-konvenuta tmur l-Ingilterra ghal ftit granet. Ir-rikorrent tant kien grat ghall-konvenut li accettat li tmur li hallas il-passagg taghha, is-soggorn u sahansitra taha xi flus x`tonfoq. L-intimata waslet l-Ingilterra fid-9 ta` Ottubru 2012. Marret toqghod ghand Karen Baker li kienet toqghod ftit boghod mill-attur. Fil-hamest ijiem li l-konvenuta damet l-Ingilterra hija zaret lill-attur kuljum u kienet tghinu fl-affarijiet tad-dar bhal tindif u xiri.

Waqt **il-kontroezami**, il-konvenuta xehdet li kull ma ghamlet kien b`rispett ghall-hbiberija li kellha ghall-attur.

Il-konvenuta stqarret illi l-attur ghaddielha l-VISA Card tieghu u fdaha bil-*pin number* biex tigbed flus mill-bank. Meta kienet l-Ingilterra l-attur talab li jmur l-isptar ghaliex ma kienx qieghed ihossu sew, pero` kien dimess billi deher li ma kellu xejn.

---

[1] Fol. 32-33 tal-process.

Fil-**kontro-ezami** il-konvenuta qalet illi dak iz-zmien l-attur deher differenti mis-soltu. Ma kienx jiekol tant li kellu problema ta` malnutrizzjoni. Kien ukoll jilmenta li kien ihossu mdejjaq. Qatt ma qalilha illi kien qed ihossu bhal donnu se jmut.

Il-konvenuta xehdet illi wara li giet lura Malta, il-kuntatt mal-attur zdied fis-sens illi kienu jqattghu hin twil jitkellmu fuq it-*telephone*.

Waqt li l-konvenuta tixhed li t-telefonati tal-attur kienu assillanti, l-attur jixhed li ma kienu xejn minn dan. Anzi jghid illi ghalkemm kienu jitkellmu dan kien jigri forsi darba fil-gimgha u rari ghal hin twil. Id-diskursati kienu jkunu dwar id-diffikultajiet li kien ghaddej minnhom l-attur.

Fil-gimghat ta` wara, is-sahha tal-attur kompliet sejra lura. Ma kienx qieghed jiekol, kien iqatta` granet shah fis-sodda ghaliex kien ihossu ghajjien hafna, u waqaf jiehu hsieb tieghu innifsu ghaliex ma xtaqx jghix aktar.

**Karen Baker** xehdet illi kienet izzur lill-attur ta` spiss u setghet tara illi l-qaghda mentali tieghu kienet hazina hafna, bil-hin kollu jirrepeti li kien ser imut.

**L-attur** xehed illi kien ta lill-konvenuta kopja tac-cwievet tad-djar li kellu Malta sabiex tara li fl-assenza tieghu li fil-post kien hemm kollox sew. Cahad illi l-intimata kienet infurmatu li xi hadd kien ipprova jidhol f`wahda mid-djar tieghu. Cahad ukoll li kien rapport lill-Pulizija dwar dan. Il-konvenuta qaltlu biss rat xi haga li kienet laqtet l-attenzjoni taghha bhal xi qsari mcaqalqin.

Ix-xiehda tal-attur hija kontradetta mill-konvenuta li pprezentat bhala prova rapport li kien sar lill-Pulizija fit-13 ta` Novembru 2012 dwar tentattiv ta` sgass. Meta gara l-kaz, hija ma kellhiex cwievet ta` d-dar. Kien wara dan l-incident li r-rikorrent ghaddielha kopja tac-cwievet.

**__Il-konvenuta__** xehdet li wara Novembru 2012 l-attur ma baqax jaghmel kuntatt. Kienet taf li kien ghaddej minn zmien difficli. Kien ghalhekk li f`Jannar 2013 ghamlet kuntatt ma` huh biex tara jekk kienx gara xi haga. Huh gharrafha li ma kienx hemm wisq kuntatt lanqas bejn l-ahwa. Xi jumejn wara Peter Bennet cempel u qalilha li l-attur kien gie rikoverat l-isptar. Imbaghad f`April 2013 Karen Baker qaltilha li l-attur kien lura d-dar. Thassbet ghaliex kien difficli tikkomunika mal-attur dak iz-zmien u ma setghetx tifhem ghaliex il-komunikazzjoni bejniethom kienet waqfet ghal kollox. Kien fis-sajf ta` l-2013 li l-attur cempel. Qalilha li wara zmien l-isptar kien qed jirkupra. Il-kuntatt rega` beda jaqbad fix-xhur li segwew.

**__Karen Baker__** xehdet illi f`Awwissu 2013 l-attur ghaddielha cheque ta` £3,000. Qalilha li kien qieghed iqassam flusu kollha ghax kien jemmen illi se jmut ta` eta` zghira. Tghid li hi ma riditx flus u qaltlu li kienet ser izzomm ic-cheque ghandha biex troddulu meta jkun jhossu ahjar. Ziedet tghid illi l-kondizzjoni mentali tar-rikorrent fiz-zmien kienet tali li ma kienx kapaci jiehu decizjonijiet bhal li jqassam gidu f`hajtu u ghaliex kienet kontra li tiehu vantagg mis-sitwazzjoni delikata tieghu.

Skont **__l-attur__**, Karen Baker tat lura dak ic-cheque madwar hames snin wara.

**__L-attur__** xehed illi f`Awwissu 2013, waqt telefonata li kellu mal-konvenuta, qalilha li ma kienx fadallu tul x`jghix u rringrazzjaha tal-hbiberija taghha. Wara mar il-bank u minn flusu hareg cheque f`isimha ta` GBP 38,000. Il-flus kienu gejjin minn wirt taz-zija tieghu.

Baghat ic-cheque lill-konvenuta. Xi gimgha wara rega` kellem lill-konvenuta u hija rringrazzjatu tal-flus.

Da parti taghha **l-konvenuta** xehdet li waqt it-telefonata ta` Awwissu 2013 l-attur kien qalilha li xtaq jaghtiha donazzjoni talli kienet habiba kbira tieghu u ta` kull ma kienet ghamlet mieghu u mal-familja tieghu matul iz-zmien. Ir-reazzjoni taghha kienet li tinfexx f`bikja. Tghid illi qalilha wkoll illi ma kellux hsieb jigi Malta u li kien se jibghatilha cheque ghaliex ried illi l-flus jghaddu ghandha mhux imorru ghand huh. Fl-ebda waqt ma qalilha illi kellha troddlu dawk il-flus, anzi tghid li nkoraggieha sabiex tuza mill-flus. Ghalkemm ghall-bidu inhasdet, fil-kors tal-istess telefonata ssuggerietlu li jkun aktar ghaqli jekk id-donazzjoni li ried jaghmel issir b`att notarili. L-attur irrifjuta ghaliex ma ried li hadd ma jsir jaf bid-donazzjoni. Qalilha sabiex tuza l-flus halli tiddeverti u sabiex issiefer kemm tiflah. Meta rceviet ic-cheque, sarrfitu u wzat il-flus ghall-bzonnijiet taghha. Flimkien mac-cheque kien hemm nota li tghid : "*To Marion my dear, you will need to open a UK Bank account and deposit this then draw it out (money) Love Paul Always*".

**Fil-kontroezami** il-konvenuta xehdet illi ma kinitx taf minn fejn kienu gew il-flus import tac-cheque. Inhasdet b`li qalilha l-attur kemm ghaliex qatt qabel ma kienet irceviet donazzjoni, u kif ukoll minhabba l-ammont li ried ighaddilha. Qaltlu biex ma jibghat xejn ghaliex l-ammont kien konsiderevoli. Staqsietu wkoll ghaliex ried jaghmel dak il-gest favur taghha. Tghid li hu wegibha li kien jippreferi li l-flus tohodhom hi milli huh. Dik kienet l-ewwel darba li r-rikorrent kien offrielha flus. Fissret illi hija zammet kuntatt ma` Karen Baker. Din kienet tistqarr maghha li kienet tinnota li r-rikorrent kien ikun id-dar fis-sens illi waqt li mal-gurnata l-purtieri kienu jkunu miftuhin filghaxija kienu jkunu maghluqin.

**Fil-kontroezami** l-attur xehed li ghamel id-donazzjoni lill-konvenuta ghaliex kien jithassarha minhabba s-sitwazzjoni generali taghha. Zied jghid illi fiz-zmien illi kien rikoverat l-isptar kien jemmen illi kien ser imut u allura haseb li ahjar iqassam gidu fost persuni li

kienu qrib tieghu. Kienet decizjoni tieghu illi jghaddi l-flus lill-intimata. Zied jghid illi dak iz-zmien kien ghadu l-isptar u waqt li jaf li kien "*sectioned*" ma kienx jaf illi ma setax jaghmel atti legali. Il-bank deher ftit xettiku illi jawtorizza t-transazzjoni biss izda huwa nsista illi ried johrog il-flus sabiex jaghtihom b`rigal. Jghid illi dak iz-zmien kellu daqna twila u kien jidher mahmug. Lanqas kien jaf x`inhu jaghmel.

Kompla jixhed illi huwa baghat il-flus lill-konvenuta b`cheque bil-posta. Il-gest tieghu kien spontaneju bla ma taha ebda preavviz. Wara li baghat ic-cheque, cempel lill-konvenuta, u hija semplicement irringrazzjatu. Cahad illi meta qalilha li kien ser jghaddilha l-flus il-konvenuta ma riditx il-flus jew infexxet f`bikja. Cahad ukoll li huwa qalilha li kien ahjar li tiehu flusu hi milli huh. Sahaq illi huwa ried li l-flus tohodhom hi, kienet x`kienet ir-relazzjoni li kellu ma` huh.

Xehed illi meta hareg mill-kura minnufih cempel lill-intimata u damu jitkellmu. Ghalkemm kienu jitkellmu kull gimgha cahad illi kien persistenti bit-telefonati. Principalment kienu jitkellmu dwar il-problemi li kellu hu dak iz-zmien. Fl-ahhar tat-telefonata l-intimata qaltlu illi riedet tirranga dwar il-flus u hu wegibha illi ma kienx il-waqt. Meta gie Malta fit-28 ta` Novembru 2014 ra illi l-intimata kienet agitata. Tatu lura c-cwievet tal-postijiet li kellu Malta, kif ukoll ic-curkett li kien taha biex izzommulu. Ma kien hemm ebda diskussjoni dwar il-flus.

Stqarr illi haseb illi l-konvenuta kienet ser taghtih il-flus lura ghaliex qal li kienet taf f`liema sitwazzjoni kien jinsab fiz-zmien li ghaddielha l-flus. Dan apparti l-fatt illi dik is-somma kienet il-patrimonju kollu illi kellu.

Mid-dokumenti bankarji jirrizulta illi l-kont li minnu hargu l-flus kien fih bilanc ta` £90.65 fid-19 ta` Ottubru 2012. Fil-21 ta` Mejju 2013 ircieva dahlet fil-kont is-somma ta` £37,920 provenjenti minn wirt sabiex b`hekk il-kont kellu ammont bilancjali ta` £38,010.65.

Wara li harget is-somma ta` GBP 38,000 import tac-cheque, fil-kont kien fadal bilanc ta` £10.65.

Xehed illi wara li ghadda s-somma ta` £38,000 lill-intimata u s-somma ta` £5,000 lil Karen Baker, fil-kontijiet tieghu tal-bank kien fadal bilanc ta` madwar £90,000.

Qal illi apparti d-depoziti bankarji kellu wkoll tliet postijiet propjeta` tieghu : dar fl-Ingliterra ; id-dar ta` ommu illi nofsha wiritha minghandha u n-nofs l-iehor ghaddieh lilu huh ; u dar zghira li kienu wirtu hu u huh u li baqghet indiviza bejniethom.

Dwar ir-relazzjoni ma` huh xehed illi din kienet marret lura ferm ghaliex minghand huh ma sabx l-ghajnuna illi ppretenda.

**Il-konvenuta** xehdet illi wara li saret id-donazzjoni favur taghha l-partijet zammew kuntatt regolari. Kien fi Frar tal-2016, wara li kienu ghaddew sentejn u nofs, li l-attur ried lura. Dak il-fatt gharraq darba ghal dejjem ir-relazzjoni li kellha mal-attur.

## III. L-ewwel talba

Fl-ewwel talba, l-attur qieghed jitlob lill-qorti sabiex tiddikjara illi huwa (u cioe` l-attur) kien inkapaci fil-ligi li jaghmel trasferiment minn flusu ta` GBP 38,000 lill-konvenuta permezz ta` bankers` draft tat-8 ta` Awissu 2013.

L-attur jiggustifika l-allegata nkapacita` legali tieghu billi jsostni li kien ghadda minn zmien ta` luttu li halla fuqu effett hazin hafna sal-punt li fl-ahhar tal-2012 stqarr illi : "*I just did not want to live any longer*."[2]

[2] Fol. 28 tal-process.

Karen Baker tikkonferma li kienet tara li l-attur ma kienx f`sikktu u kien beda jaqa` lura bil-mod.

Anke l-konvenuta dehrilha li fl-2012 l-attur ma kienx f`sikktu tant illi f`Ottubru ta` dik is-sena marret tqatta` ftit granet hdejh l-Ingilterra sabiex tghinu fil-bzonnijiet tieghu. Meta ratu, setghet tapprezza d-dwejjaq li kien qed igarrab. Lura Malta kien icempel lilha bosta drabi u kien iqatta` hin twil jitkellem maghha dwar dak kollu li kien ghaddej minnu.

Kien biss bit-telefon li kienet infurmata minn Peter Bennett li l-attur kien rikoverat l-isptar. Diga` saret referenza ghal din il-parti tal-grajja aktar kmieni.

**1. <u>Dritt</u>**

L-**<u>Art. 966 tal-Kap 16</u>** jindika l-kapacita` legali bhala rekwizit essenzjali ghall-validita` ta` kuntratt.

L-inkapacita` kontrattwali tal-partijiet hija regolata bl-**<u>Art 967 sa 973 tal-Kap 16</u>**.

Ghall-fini tal-kawza tal-lum ghandhom rilevanza **<u>l-Art 967 u l-Art 968</u>**.

L-**<u>Art 967 tal-Kap 16</u>** jaqra :-

*(1) Kull persuna tista` tikkuntratta, jekk mil-ligi mhix iddikjarata inkapaci.*

*(2) L-inkapacità tal-ikkundannati ghal kull piena li tkun, hija mnehhija.*

*(3) Huma nkapaci li jikkuntrattaw fil-kazijiet imsemmijin mil-ligi –*

*(a) il-minuri;*

*(b) l-interdetti jew inabilitati; u*

*(c) generalment, dawk kollha illi l-ligi timpedihom minn xi kuntratti.*

L-**Art 968 tal-Kap 16** jiddisponi illi :-

*Kull kuntratt maghmul minn persuna li m`ghandhiex l-uzu tar-raguni, jew li tkun ghad ma ghalqitx seba` snin, huwa null.*

**2. Gurisprudenza**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tas-6 ta` April 1957 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Psaila vs Marianna Parlar et** fejn inghad hekk :-

*"Illi ma jirrizultax li Caterina Zammit, fi zmien dik l-iskrittura, kienet interdetta jew inabilitata, jew milquta minn xi inkapacità legali; ghalhekk non si tratta ta` inkapacità legali, izda ta` inkapacità naturali, jigifieri li l-imsemmija Zammit ma kellhiex allura l-uzu tar-raguni (art. 1009 Kod. Civ.);*

*Skond id-dottrina, l-inkapacità naturali, b`differenza minn dik civili jew legali, "suppone l`impossibilità naturale di*

*consentire o di voler il contratto; un bambino che non ha l`uso della ragione, ne si può determinare a volere, e l`uomo che non può ragionare nè comprendere in seguito a malattia mentale, danno esempio di persone incapaci mentalmente" (De Philippis, Diritto Civile Comparato, Vo), VI, 5102). Din l-inkapacità naturali hija msejha wkoll assolata, ghaliex, kif jispjega l-istess awtur, "La mancanza naturale di ragione e di volontà porta alla mancanza di consenso, e quindi all`inesistenza del contratto" (Op. Cit., S103). U din hiia precizament il-karatteristika li tiddistingwiha mill-inkapacità legali. "Tra l`incapacità naturale e la legale", jghid Ricci, "passa questa differenza: la prima deriva dalla mancanza assoluta della facoltà di consentire con cognizione di causa; la seconda invece è fondata sul divieto della legge la quale ritiene incapace una persona che, considerata secondo il suo stato naturale, è capace di prestare un consenso efficace, con cognizione cioè di quello che essa fa" (Diritto Civile, vol. V1, S13);*

*Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet tinzel il-konsegwenza illi l-attur, li qieghed jallega l-inkapacità naturali ta` Caterina Zammit, jehtieglu jipprova rigorozament illi hija fi zmien l-iskrittura mpunjata ma kellhiex l-uzu tar-raguni, li cjoè l-infermità taghha kienet kompleta u tali li teskludi fiha kull volontà u kapacità ta` kunsens, b`mod li hija kienet assolutament inkonsapevoli tal-atti li kienet taghmel. Fi kliem iehor, l-attur kellu jipprova illi hija kienet affetta minn infermità mentali totali u assoluta (v. Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 1105, 5551, 57, 59, 60). Issa, din il-prova, fl-fehma talQorti, ma saretx … "*

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-10 ta` Marzu 1997 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et</u>** (Kollez.Vol.LXXXI.iii.44) kien rilevat illi :-

*"il-kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jigu rexissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed*

*mill-elementi essenzjali mehtiega ghall-validita` ta` kuntratt u cioe` kapacita`, kunsens, oggett u kawza lecita."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti moghtija fil-31 ta` Mejju 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Frank Cristiano vs Frank Portelli et** kienu elenkati l-principji illi jirregolaw l-inkapacita` mentali :-

*"Il-principji li japplikaw f`kazijiet ta` impunjazzjoni ta` att minhabba nkapacita` mentali huma:*

*1. Illi l-kapacita` hija r-regola u l-inkapacita` hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita`; liema presunzjoni hija "juris tantum";*

*2. Illi huma nkapaci dawk li fi zmien ta` l-att ma jkunux f`sensihom, u illi l-inkapacita` ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja l-att;*

*3. Illi biex persuna jkun kapaci jaghmel att ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x`inhu jaghmel;*

*4. Illi biex tigi stabbilita` l-insanita` mentali ta` persuna hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi;*

*5. Illi l-Qorti Taghna dejjem kienu reticenti li jammettu ddomandi biex jigi annullat att minhabba nsanita mentali jekk dik l-inkapacita` ma tkunx irrizultat b`mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li persuna kien qieghed jaghmel l-att. (Vol 34 p 108 App Vassallo vs Dr.V.Sammut 24 ta` April 1950 u Vol 30 p 1 p 176 App Formosa vs Axiak 20 ta` Gunju 1938)."*

## 3. Rizultanzi

Il-prova tal-inkapacita` kontrattwali tinkombi fuq min jallega l-inkapacita`.

Il-grad ta` prova huwa rigoruz ghaliex min jallega jehtieg li jressaq provi certi u determinanti illi fil-mument tal-kuntratt il-persuna li tkun ikkontrattat kienet afflitta minn inkapacita` mentali tali illi kienet assolutament inkonsapevoli ta` dak illi kienet qieghda taghmel. Jekk jirrizulta dubju, dak id-dubju ghandu jmur favur il-kapacita` kontrattwali.

Riferibbilment ghall-fattispeci tal-kawza odjerna, ma jirrizultax illi fiz-zmien meta inghatat id-donazzjoni lill-konvenuta, l-attur kien interdett, inabilitat jew milqut minn inkapacita` legali.

Lanqas ma jirrizulta illi l-attur kien affett minn inkapacita` li tellfitu mill-uzu tar-raguni.

L-inkartament mediku li pprezenta l-attur jaghti dettalji dwar is-sahha mentali tieghu wara l-24 ta` Jannar 2013.

Il-Qorti sejra tirreferi ghal fatti li ghandhom rilevanza ghall-kawza tal-lum.

Ir-*records* medici juru li l-attur kien rikoverat go sptar generali fl-Ingilterra f`Jannar tal-2013.

Wara kien rikoverat fil-ward psikjatrika.

Jirrizulta wkoll illi l-attur kien "*sectioned*".

L-ewwel darba kienet meta dahal l-isptar fl-24 ta` Jannar 2013. Kien applikat fil-konfront tieghu l-Art 5 tal-Mental Health Act tal-Ingilterra li jahseb ghal *Application in respect of patient already in hospital*.

L-ghada 25 ta` Jannar 2013 kien applikat l-Art 2 tal-istess Mental Health Act li jahseb ghal *Admission for Assessment*.

Meta dahal l-isptar, l-attur deher illi kien malnutrit. Ma kienx qed jiekol. Kien mahmug fl-aspett generali tieghu. Kellu paranoia, partikolarment dwar l-ingredjenti li jitpoggew fl-ikel u l-kontaminazzjoni mir-raggi.

Inzamm l-isptar sat-28 ta` Frar 2013.

Tul id-degenza tieghu fl-isptar, l-attur ghamel numru ta` granet ibati minn infezzjoni.

Fit-27 ta` Frar 2013, jum qabel kien dimess, saret evalwazzjoni tal-qaghda ta` sahha tieghu.

Minn din l-evalwazzjoni, jirrizulta :-

> "*no evidence of depression. No abnormalities in speech. No formal thought disorders. No abnormal perceptions identified. Insight into the condition. … mild depression now resolved. … Risk of self neglect in the community due to poor motivation and poor self care*."

Kien rikoverat darb`ohra. Inzamm taht l-Art 3 tal-Mental Health Act li jipprovdi ghal : *Admission for Treatment*.

Rega` kien rikoverat fil-31 ta` Mejju 2013 minhabba "*extreme self neglect*".

Kien mahmug hafna. Ma kienx qed jiekol tant illi kien jizen biss 40 kilo. Kien dizidratat u paranojku. Ghalhekk rega` nzamm ghall-investigazzjoni skont l-Art 2 tal-Mental Health Act.

Mill-osservazzjonijiet tal-isptar li saru fil-21 ta` Gunju 2013, kien rappurtat illi :-

> "*Assessment thus far does NOT suggest the presence of significant depressive illness .... There has been no further evidence of paranoid delusions or psychotic symptoms.*
>
> *I am of the opinion that he does have capacity to refuse ECT*[3] *and therefore, he can not be given this treatment unless he consents or demonstrates an impairment of his capacity at a later date.*
>
> *There is no evidence of cognitive impairment superficially however, we have been unable to do a CT Scan or any formal cognitive assessment due to his refusal."*

L-attur kien dimess fl-24 ta` Gunju 2013 bil-problema tibqa` dik illi kien ghadu qieghed jirrifjuta l-ikel u li ma kienx qed jiehu hsieb tieghu innifsu.

L-attur baqa` jigi segwit mit-tobba u fit-28 ta` Gunju 2013 kien rappurtat illi :-

> "*No evidence of formal thought disorder, insertion, withdrawal. … No evidence of delusions or hallucinations*

[3] ECT – Electroconvulsive therapy

> *experienced. … Appears orientated on time, place and person.*"

Kien hemm rikoveru iehor fit-13 ta` Dicembru 2013 fejn kien riskontrat li l-attur kien : "*extremely unkept; evidence of significant neglect; grossly underwieght*". Kien applikat l-Art 3 tal-Mental Health Act (*Admission for Treatment*).

Kien dimess mill-isptar fit-28 ta` April 2014. Billi d-dar tieghu kienet mitluqa u mhux abitabbli, kellu jinzamm f`dar tal-kura sakemm bl-ghajnuna tal-Istat u tal-professjonisti id-dar tieghu setghet terga` ssir abitabbli.

Mir-*records* medici jidher kjarament illi fil-kaz tal-attur il-fattur tar-riskju dejjem kien *self-neglect* u *undernourishment.*

Il-Qorti ghamlet analizi b`reqqa l-kontenut tad-dokumenti kollha li kienu esebiti bhala prova.

Tqis illi matul iz-zmien kollu li fih l-attur kien rikoverat l-isptar ma rrizultat qatt il-htiega li jigi interdett. Anzi f`Mejju 2013 kien riportat illi : "*There is no evidence of cognitive impairment*".

Kemm dam l-attur taht osservazzjoni it-tobba dejjem sostnew illi l-problema tieghu kienet "*self-neglect*". Ghax kien qed jittraskura lilu nnifsu, kien qed igib fuqu problema gravi ta` nuqqas ta` nutrizzjoni. Spicca jirrifjuta l-ikel.

Jidher ben car illi ghat-tobba u specjalisti li kienu qeghdin isegwu lill-attur mill-qrib, l-aktar thassib ghalihom kien in-nuqqas ta` ikel u t-telqa, anke jekk ikkostataw episodji ta` dipressjoni u thewdin.

Mill-professjonisti ma kienx espress thassib dwar il-kapacitajiet mentali tal-attur.

Li kien qed jigri huwa li wara li jinghata l-kura l-isptar u jigi dimess, kien qed imur lura d-dar, isib ruhu wahdu, u jintelaq bil-konsegwenzi kollha li t-telqa ggib maghha.

Tajjeb jinghad illi kemm dam ghaddej minn diffikultajiet l-attur baqa` jamministra l-finanzi tieghu.

Il-Qorti tqis illi ghalkemm kienu prezentati dokumenti medici, ma gewx prezentati provi certi u determinanti li jaghtu sostenn ghall-ewwel talba tal-attur.

Anke jekk kien hemm zmien fejn seta` kien afflitt minn stat konfuzjonali u deluzjonijiet mentali, dak ma kienx dovut ghal inkapacita` mentali oggettiva izda ghal *self neglect* u nuqqas ta` nutrizzjoni.

Huwa car f`mohh min qed jiggudika li l-attur ried jaghti flus lill-konvenuta.

Imkien ma rrizulta li r-rigal li ghamel l-attur kien istigat direttament jew indirettament mill-konvenuta.

Huwa bil-wisq evidenti li ghall-attur il-kuntatti tieghu mqar bit-telefon mal-konvenuta kienu ghalih ta` wens. Sab l-appogg taghha meta sar jafha Malta. Bejniethom kollox kien *above board.* Xejn sospett jew interessat ma kien ippruvat fir-relazzjoni ta` hbiberija li kien hemm bejniethom. Fil-konvenuta dejjem sab habiba (fis-sens tajjeb tal-kelma) li maghha seta` jiftah qalbu berah. Eppure minn

imkien ma kien ippruvat li l-konvenuta ghamlet imqar haga wahda mproprija sabiex twassal lill-attur sabiex jaghmel rigal favur taghha anke jekk si trattava ta` somma sostanzjali ta` flus. Id-determinazzjoni tal-attur li jghaddi dawk il-flus lill-konvenuta tirrizulta mid-deposizzjoni tieghu stess, partikolarment dik il-parti fejn fisser x`ghamel meta mar il-bank.

Il-Qorti tistqarr li ma taghtix affidament lil dik il-parti tad-deposizzjoni tal-attur meta bhal donnu jghid li ghamel ir-rigal ghaliex haseb li kien se jmut.

Il-Qorti pjuttost tahseb li l-attur - ghal xi raguni certament mhux minhabba problemi ta` inkapacita` mentali – rega` bdielu dwar ir-rigal li ghadda lill-konvenuta. Infatti kien biss sentejn u nofs wara li sar ir-rigal li ha passi legali.

Anke jekk fix-xiehda tieghu l-attur jishaq illi fiz-zmien li saret id-donazzjoni kien "*sectioned*", ma kienx jaf li ma setax jaghmel atti legali, u li ma kienx jaf x`kien qieghed jaghmel, il-kwadru tal-fatti li johrog mill-assjem tal-provi juri xort`ohra.

Ibda biex fiz-zmien meta talab il-hrug tac-cheque mill-bank l-attur ma kienx rikoverat. Lanqas ma kien "*sectioned*". Kien "*sectioned*" taht il-Mental Health Act fiz-zmien meta kien rikoverat. Meta t-tobba raw illi seta` jigi dimess l-attur ma baqax aktar soggett ghad-disposizzjonijiet tal-Mental Health Act.

Barra minn hekk, qatt ma kien inibit milli jaghmel atti legali.

Il-Qorti tinsisti illi anke jekk l-attur ipprova jiggustifika l-ghoti tad-donazzjoni ghaliex qal li kien qieghed ihoss illi ser imut, dan ma jirrizultax mir-*records* medici.

Il-Qorti tirrileva li l-imgieba tal-konvenuta wara li rceviet ic-cheque m`ghandhiex tintuza kontra taghha, propju ghaliex l-ewwel talba tal-attur kienet diretta lejn dak li ghamel hu, mhux dwar li ghamlet il-konvenuta. Ladarba ma rrizultax li l-konvenuta ghamlet pressjoni fuq l-attur sabiex jaghtiha rigal, il-Qorti m`ghandha l-ebda gudizzju x`taghmel dwar il-fatt li kif appena rceviet il-flus il-konvenuta sarrfet ic-cheque u nefqet il-flus. Jekk il-kliem li ghadda bejn il-partijiet ma jistax jigi verifikat hlief b`apprezzament tal-provi fuq bilanc ta` probabiliatjiet, in-nota li baghat l-attur mac-cheque ma thallix dubju, lanqas mill-punto di vista ta` allegata nkapacita` mentali.

**Kollox meqjus fid-dettall, u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ghandha c-certezza morali illi fil-mument li mhux biss iddecieda li jghaddi d-donazzjoni lill-konvenuta, fil-mument li kkomunika d-decizjoni tieghu lill-konvenuta, fil-mument li mar il-bank biex materjalment jinhareg il-bankers` draft, u fil-mument li baghat ic-cheque tad-donazzjoni lill-konvenuta bin-nota tieghu maghha, l-attur kien jaf x`kien qed jaghmel u ried illi d-donazzjoni ssir kif ipprospettaha hu. Il-Qorti teskludi li l-attur ghamel il-prova li meta ghamel dan kollu kien afflitt minn inkapacita` mentali.**

**L-ewwel talba qeghda tkun michuda.**

## IV. <u>It-tieni talba</u>

Bit-tieni talba, l-attur talab lill-Qorti sabiex tiddikjara li d-donazzjoni de qua kienet karenti mill-formalitajiet li jrid l-**<u>Art 1753(1) tal-Kap 16</u>** li jghid illi donazzjoni tkun nulla jekk ma ssir b`att pubbliku.

Mhux kontestat li d-donazzjoni de qua ma saritx b`att pubbliku.

Il-konvenuta tilqa` ghal din it-talba billi fit-tieni eccezzjoni taghha teccepixxi li d-donazzjoni saret esklussivament b`titolu gratuwitu. Tinsisti li r-rigal sar bhala konsiderazzjoni ghal servizzi li rrendiet lill-attur ; ghalhekk kellhom isibu applikazzjoni l-**<u>Art 1739 u 1740 tal-Kap 16</u>**.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu l-attur jaccetta li l-konvenuta pprestat servizzi pero` jikkwalifika l-accettazzjoni tieghu billi jirrileva li huma kienu hbieb u ghax kienu hbieb kienu jghinu lil xulxin meta jinqala` l-bzonn.

**<u>L-Art 1739 tal-Kap 16</u>** jaqra :

*Jekk id-donazzjoni ssir bi hlas ta` xi xoghol li ghalih id-donatarju kellu jedd ta` azzjoni, ir-regoli partikolari dwar id-donazzjonijiet ma jghoddux, hlief meta l-valur tal-haga moghtija b`donazzjoni jkun izjed, ghall-anqas bin-nofs, mill-hlas li jkun haqqu dak ix-xoghol, u dwar dan iz-zejjed biss.*

**<u>L-Art 1740 tal-Kap 16</u>** jghid :

*Ir-regoli partikolari dwar id-donazzjonijiet lanqas ma jghoddu ghad-donazzjonijiet oneruzi lid-donatarju, hlief meta l-valur tal-haga moghtija jkun izjed, ghall-anqas bin-nofs, tal-valurtal-pizijiet ordnati lid-donatarju, u dwar dan iz-zejjed biss.*

Il-verzjonijiet tal-partijiet dwar x`wassal ghad-donazzjoni huma konfliggenti.

Lill-konvenuta jispetta l-oneru tal-prova li d-donazzjoni kienet rimuneratorja.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta` April 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Dr Reuben Farrugia noe vs Tessa Pisani** fejn saru dawn l-osservazzjonijiet :

> "*Illi jaqa` fuq l-imharrka li turi bi provi cari li l-hagra prezzjuza nghatatilha b`rigal u mhux kif qieghed jallega l-attur proprio. Dan id-dmir jaqa` fuqha – u mhux fuq l-attur proprio biex jipprova l-kuntrarju – kemm jekk id-donazzjoni allegata hija wahda proprja u wkoll jekk tkun donazzjoni rimuneratorja jew wahda mhallta. L-imharrka jehtigilha tipprova l-allegazzjoni taghha wkoll ghaliex, f`dan il-kaz, ma hemm l-ebda kitba jew kuntratt li jixhed dik is-sura ta` trasferiment.*

Dwar id-donazzjoni rimuneratorja, kien rimarkat fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-13 ta` Jannar 1948 fil-kawza fl-ismijiet **Lucia Bonnici vs Gio Maria Spiteri** illi :-

> "*l-karattru tad-donazzjonijiet rimuneratorji jvarja skond jekk ghall-hlas tas-servizi d-donatarju kellux azzjoni kontra d-donanti, jew jekk ghas-servigi d-donanti ma kienx hlief sotto-post lejn id-donatarju ghal dover morali ta` rikonoxxenza. Fit-tieni kaz id-donazzjoni rimuneratorja hija essenzjalment, u fir-rigward taghha kollha dispozizzjoni purament gratuwita; fl-ewwel kaz id-donazzjoni hija generalment, ta` natura mista, u hija retta mir-regoli kollha li jiggovernaw id-donazzjonijiet oneruz*."

Fis-sentenza fil-kawza **Dr Reuben Farrugia noe vs Tessa Pisani** (op. cit.) inghad ukoll :

*"Illi f`kull kaz, ukoll jekk wiehed kellu jilqa` l-bazi tal-pretensjoni tal-imharrka bhala dik tad-donazzjoni flok hlas (maghrufa bhala donazzjoni rimuneratorja, mista jew imhallta), xorta wahda jrid jintwera li jezistu l-elementi li jsejsu d-donazzjoni;*

*Illi fil-ligi taghna r-regoli tal-kuntratt tad-donazzjoni ma jghoddux fil-kaz ta` dawk l-ghotjiet li jsiru bi hlas ta` xoghol li ghalih il-persuna li lilha tinghata dik il-haga jkollha jedd ta` azzjoni ghall-hlas. Imma wkoll f`kaz bhal dak, jekk kemm-il darba l-ghotja tkun tisboq b`aktar min-nofs, l-ammont tal-hlas dovut, dik l-ghotja titqies bhala donazzjoni safejn jisboq tali hlas. Fi kliem iehor, lanqas l-ghotja b`kumpens ma hija ghal kollox mehlusa mil-htigijiet li l-ligi tistabilixxi ghal din l-ghamla ta` kuntratt;"*

Fis-sentenza li din il-Qorti diversament presjeduta tat fit-22 ta` Frar 2006 fil-kawza fl-ismijijet **<u>Carmelo Lopez et vs Mario Mizzi et</u>**, saru dawn l-osservazzjonijiet :-

*Jitnissel minn dan illi donazzjoni bhala din issir, ordinarjament, biex tigi zdebitata prestazzjoni li ssir lid-donanti jew biex jigi premjat id-donatarju. Hi, allura, determinata minn dak is-sentiment ta` gratitudni b`rikonoxximent kompensativ ghal servizzi ricevuti. L-importanti hu li r-rimunerazzjoni jkollha, bhal ma jidher li hu l-kaz hawnhekk, karattru spontaneju. Dan anke ghall-kaz fejn is-servizz ma jkunx necessarjament ippreceda d-donazzjoni;*

*Issa huwa veru li f` wahda mill-ittri tieghu lill-konvenut (fol. 15), l-attur jinsisti li "I in no way and to all intent and purpose renounced to the ownership of this money", imma fil-fehma konsiderata ta` din il-Qorti dan ma jistax ma jkunx evalwat u mizurat hlief bhala kambjament ta` l-intenzjoni originarja tieghu u ta` dak l-atteggjament mutevoli suggerit lilu mic-cirkostanzi, u, forsi wkoll, mill-kaptazzjoni u interessi ta` terzi. Hu x` inhu, dan it-tibdil tal-hsieb ma jistax ma*

*jitqiesx rejazzjoni ghall-dawk l-istess cirkostanzi u interessi estranei ghar-rapport, li sa meta sehhew jew intervenew, kien wiehed affettwuz u kordjali. Dejjem fil-hsieb tal-Qorti, pero`, dan il-kambjament fl-atteggjament ma jistax, u ma ghandux, ihassar jew jinnewtralizza dik l-intenzjoni orginarja u l-fatt cert ta` l-effettiva tradizzjoni tas-somma kapitali in diskussjoni, meta saret, u hekk manifestanti l-volonta` preciza fl-attur li jiddona dik is-somma u jizvesti ruhu rrevokabilment minnha, salv ghall-uzufrutt taghha, hekk possibbli wkoll skond it-termini ta` l-Artikolu 1777 tal-Kodici Civili;*

*Bi twegiba ghal certa sottomissjoni ta` l-attur irid jinghad illi, kif konkordament ricevut f` gurisprudenza kwazi pacifika "fil-prestazzjonijiet tas-servigi mhix prezunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment." (Kollez. Vol. XXXVIII P II p 568. Ara wkoll Vol. XLIX P II p 664, "**Elizabeth Vasallo et -vsFrancoise Sultan**a", Appell Kummercjali, 11 ta` Frar 1974 u "**Mary Grace Attard –vs-Rosario Attard**", Appell Civili, 13 ta` Ottubru 1989, fost ohrajn);*

*Fuq il-fatti attendibbli, mill-perspettiva ta` l-attur, l-atti minnu kompjuti – it-testmenti u l-versament tal-flejjes, kemm tas-somma ta` elf lira Maltija u dik ta` elfejn u hames mitt lira sterlina – ghandhom minnhom infushom il-karatteristika ta` dik l-ispontanjeta` aktar `il fuq accennata. Dan anke bhala sinjal tangibbli ta` dak l-apprezzament specjali li l-attur, minn rajh, u b` mod spontaneju, wera firrigward tal-konvenuti ghal dak li ghamlu mieghu. F` kuntest bhal dan il-proporzjoni bejn l-ammont donat u l-prestazzjonijiet effettwati mhumiex per se idoneu f` dan il-kaz biex tizvesti r-rapport guridiku intervenut mill-karatteristici tieghu ta` donazzjoni rimuneratorja.*

Premessa din il-gurisprudenza, tajjeb li ssir referenza ghal kif huwa regolat il-hlas ghal servigi u dak li huwa rikjest bhala prova.

Jibda biex jinghad illi l-hlas ghal servigi mhuwiex fost dawk l-obbligazzjonijiet indikati fl-**Art 1233(1) tal-Kap 16** fejn il-forma miktuba hija rikjesta *ad substantiam vel probationem.*

Il-prestazzjoni ta` servigi hija meqjusa bhala ghamla ta` kwazi-kuntratt.

Il-kwazi-kuntratt huwa definit bl-**Art 1012 tal-Kap 16** bhala *"fatt lecitu u volontarju, li minnu tohrog obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin."*

**Il-principju ewlieni llum accettat fil-gurisprudenza taghna hu li kwalunkwe servigi ghandhom jitqiesu li gew prestati bi speranza ta` kumpens jekk ma jirrizultawx cirkostanzi li jistabilixxu b`mod konklussiv il-gratuwita`.**

**Tul iz-zmien il-presunzjoni ta` l-gratuwita` kienet sostitwita bil-presunzjoni kontrarja fis-sens illi hadd ma huwa prezunt li offra s-servigi tieghu bla hlas sakemm il-kuntrarju ma jigix pruvat.**

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-1 ta` Dicembru 1958 fil-kawza "**Zammit et vs Vella noe**" inghad illi :-

> *"... din il-Qorti, fit-12 ta` Dicembru 1935, in re `Farrugia vs Caruana` irriteniet li fil-gurisprudenza anterjuri l-presunzjoni tan-`non-gratuita` giet sostwita bil-presunzjoni kuntrarja fil-kaz ta` servigi prestati bejn parenti, fejn is-servigi gew ritenuti bhala prestati `familiaritis causa` ; imma fil-gurisprudenza aktar ricenti, anke ghar-rigward tal-parenti,*

*gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta` kumpens, jekk ma jirrikorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita` sia pure minhabba relazzjonijiet ta` parentela (Vol. XXIX.II.851 u Vol. XLII.I.625)"*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Borg vs Gaffiero et**" kien osservat illi :–

*"In materja ta` pretensjoni ghal servigi rezi, il-gurisprudenza taghna irregistrat dan l-izvilupp ;*

*Jezistu decizjonijiet li kienu jirritjenu li "ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkoli tal-konsangwinita` huma stretti, meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma jkun inkomoda ruhu personalment, meta ma jkunx hemm cirkostanzi li juru bic-car illi tant mill-parti ta` min jippresta s-servigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l-intenzjoni ta` kumpens." ("**Esther Farrugia et -vs- Nutar Dr. Carmelo Farrugia noe**", Appell Civili, 14 ta` Frar 1938) ;*

*Gja pero` minn zmien antik gie ritenut illi "sebbene un salario per servigi non e` dovuto, se non e` convenuto, oppure se il prestante non ebbe intenzione di farsene pagare ; pure la prestazione gratuita non si presume, e l`animo di donare e la rinunzia a retribuzione non devono facilmente accogliersi - anche se i servigi fossero state prestati colla speranza di un altro vantaggio, se questo non si verifica per fatto non imputabile a chi ha prestato i servigi" - "**Felicia Felice -vs- Giuseppe Vella**", Prim` Awla, Qorti Civili, 22 ta` Gunju 1875 ;*

*L-indirizz l-aktar recenti fuq is-suggett hu dak li s-servigi jigu prestati bi speranza ta` kumpens jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita` sija pure minhabba relazzjoni ta` parentela.*

*("**Giuseppina Deidun et -vs- Emilia Poggi et**", Prim` Awla, Qorti Civili, 6 ta` Ottubru 1954). Dan ghaliex il-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment ("**Elizabeth Vassallo -vs- Francoise Sultana**", Appell Kummercjali, 11 ta` Frar 1974; "**Mary Grace Attard -vs- Rosario Attard**", Appell Civili, 13 ta` Ottubru 1989);"*

(ara wkoll : "**Caruana vs Mallia**" – Kollez. Vol. LXXXVI.iii.174 ; "**Delicata et vs Saliba pro et noe**" – Qorti tal-Appell – 22 ta` Mejju 1989 ; "**Caruana pro et noe vs Abela**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 14 ta` Jannar 1965 ; "**Agius vs Calleja"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 15 ta` Frar 1958 **"Axiaq vs Mifsud et"** – Qorti tal-Kummerc – 9 ta` Jannar 1952 ; "**Mifsud vs Briffa**" – Prim`awla tal-Qorti Civili – 3 ta` Ottubru 1935).

Fil-kawza fl-ismijiet `**Giuseppina Deidun et vs Emilia Poggi et`** deciza minn din il-Qorti fis-6 ta` Ottubru 1954 inghad hekk :-

*Il-kumpens ghal servigi prestati jista` jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta c-cirkustanzi juru car illi min ippresta s-servigi kellu l-intenzjoni li jithallas ghalihom. Il-prestazzjoni tas-servigi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment. U fil-gurisprudenza recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, huwa applikabilii l-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta` kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`, sija pure meta hemm relazzjonijiet ta` parentela. Jekk il-provi juru li, meta gew prestati s-servigi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jithallas ghalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens.*

*Dak li hu importanti li ghandu jigi ezaminat, biex wiehed jara ghandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta*

*gew prestati s-servigi; u cirkustanzi sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joholqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joholqu.*

**Dan premess, u riferibbilment ghall-kaz tal-lum, din il-Qorti tirrimarka li ghalkemm il-konvenuta kkontestat il-htiega tal-att pubbliku ghall-validita` tad-donazzjoni fuq il-pretest li d-donazzjoni saret bhala kumpens ghal servigi li kienet irrendiet lill-attur, fl-istess waqt il-konvenuta naqset milli ggib prova attendibbli ta` dak illi ghamlet mal-attur sabiex tiggustifika somma oggettivament gholja bhala kumpens ghal allegati servigi.**

Abbazi tal-provi akkwiziti, jirrizulta li l-konvenuta kienet tmur izzur liz-zija tal-attur meta kienet rikoverata l-isptar u kienet ukoll tohdilha l-ikel. Ir-rikorrent jichad dan u jghid li l-intimata zaret liz-zija tieghu biss meta huwa kien ikun Malta.

Tghid ukoll illi hadet hsieb il-qattus tar-rikorrent u li kienet twassal lir-rikorrent kull fejn kien jehtieg meta kien ikun Malta.

Jirrizulta li l-intimata qaghdet bhala prokuratrici ta` hu l-attur, u bhala tali dehret fuq att ta` trasferiment fejn sehem ta` nofs indiviz li hu l-attur wiret minghand ommu ghaddieh lill-attur. Dwar dan l-intimata tghid illi l-attur kien jghidilha illi ser ikun eternament grat lejha. Min-naha tieghu, l-attur ighid li qatt ma qal lill-konvenuta li kien ser ihallasha ghal dak li ghamlet mieghu. Fil-fatt il-konvenuta taccetta li l-attur qatt ma offrielha flus.

Ikompli jinghad illi mkien fix-xiehda taghha l-intimata ma tghid illi stenniet xi hlas ghal dak li ghamlet mal-attur tant li tasal biex tghid illi kull ma ghamlet mal-attur ghamlitu bi hbiberija.

Il-Qorti zzid tosserva li fix-xiehda taghha l-intimata tghid li meta l-attur semmielha l-ghotja tal-flus infexxet f`bikja.

Tajjeb jigi riprodott dak illi xehdet :

| | |
|---|---|
| *Dr Carlos Bugeja:* | *So when you received the sum of £38,000 did you accept it immediately?* |
| *Witness:* | *No I didn`t. I was taken aback.* |
| *Dr Carlos Bugeja:* | *When you received the phone call, how long did it take for you to say yes?* |
| *Witness:* | *I was crying all the time. I didn`t have. Qas flaht inkellmu. Nibki bdejt qas ridt nemmen.* |

*...*

| | |
|---|---|
| *Court:* | *... You did not tell him, keep the £38,000 for yourself and don`t send anything. Did you do that?* |
| *Witness:* | *I asked legitimate questions to him. You know.* |
| *Court:* | *Did you ask that question?* |
| *Witness:* | *I asked why. Yes of course.* |
| *Court:* | *Did you tell him don`t send anything because this is a lot of money? Something of the sort?* |
| *Witness:* | *Yes I did.* |

| | |
|---|---|
| *Court:* | *And what did he tell you?* |
| *Witness:* | *He told me that he wanted me to have the money. He`d rather not have his brother touch those money. He`d rather have me have them rather than his brother*. |

Anke minn dan l-estratt mix-xiehda tal-konvenut, il-Qorti tislet konferma li l-konvenuta ma kellha ebda hsieb jew intenzjoni li tithallas minghand l-attur. Li kieku mqar kellha dak il-hsieb, zgur li ma kenitx sejra tghid lill-attur li sabiex izomm il-flus ghalih. Min ikun qieghed jippretendi kumpens ghal dak li ghamel tendenzjalment jirreagixxi diversament.

**Il-Qorti hija tal-fehma li x-xiehda tal-intimata timmilita kontra t-tieni eccezzjoni taghha.**

**L-eccezzjoni qeghda tkun respinta.**

**Respinta l-eccezzjoni, il-Qorti sejra tghaddi biex tqis jekk l-assenza ta` att pubbliku kienx jirrendi nulla d-donazzjoni de qua.**

<u>L-Art 1753 tal-Kap 16</u> huwa car.

Fis-subinciz (1) hemm stipulat li donazzjoni hija dejjem sottoposta ghall-formalita` ta` l-att pubbliku biex ma tkunx nulla, hlief fil-kazijiet eccettwati mil-ligi stess u li huma elenkati fis-subinciz (2) u cioe` l-ghotijiet ta` rigali li jinghataw min id ghal id, u l-ghotjiet ta` flus jew hwejjeg ohra mobili korporali, jekk is-somma jew il-valur taghhom ikun zghir meta wiehed iqis rigward ghall-kondizzjonijiet tal-

persuni u cirkustanzi ohra ("**Bonnici vs Spiteri**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 13 ta` Jannar 1948).

Fil-kaz tal-lum, tirrizulta l-prova li ma kienx hemm att pubbliku.

Sabiex dak li ghamel l-attur jista` jitqies bhala rigal manwali u allura esenti mill-formalita` ta` l-att pubbliku jehtiegu tliet elementi :

(1) L-oggett mobili moghti bhala rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjoni ekonomika tad-donanti ;

(2) Ir-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta` l-oggett donat, b`mod li dak l-oggett ighaddi immedjatament u rrevokabilment f`idejn id-donatarju ; u

(3) Id-donanti jkollu effettivament il-volonta` li jiddona u li jinvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona.

It-tliet elementi huma kumulattivi (mhux alternattivi) u ghalhekk in-nuqqas ta` mqar element wiehed jinnewtralizza l-hsieb li l-oggett donat ghandu jitqies bhala rigal manwali ghall-fini ta` s-suddetta ezenzjoni (ara – "**Pace vs Caruana et**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Ottubru 1949)

Din il-Qorti se tghaddi sabiex tqis kull element.

## i. L-ewwel element

Fil-kawza "**Pace vs Caruana et**" (op. cit.) inghad hekk –

*Il-modicita` jew eccessivita` tad-donazzjoni sabiex jista` jinghad li hija fil-kaz specifiku tirrivesti l-karattru ta` don manwali hija varjanti skond il-valur ta` l-oggett u l-fortruna tad-donanti. Huwa ghalhekk li dik ir-relazzjoni trid tigi studjata u ezaminata.*

Dwar il-konsistenza tal-patrimonju ta` l-attur, hemm ix-xiehda tal-attur. Ighid li kellu (jew ghandu) tlett proprjetajiet : dar l-Ingilterra li l-valur taghha mhux maghruf ghaliex qatt ma giet stmata ; dar Malta illi wiret in-nofs indiviz taghha minghand ommu u n-nofs l-iehor ghadda ghandu minghand huh ; u n-nofs indiviz ta` dar ohra li wiret minghand iz-zija tieghu.

Ebda prova ma saret dwar il-valur tal-immobbli.

Lanqas ma tressqet xi prova mqar b`dikjarazzjonijiet *causa mortis* safejn jirrigwarda l-propjeta` sitwata Malta.

Dwar kontijiet bankarji, l-attur xehed li meta ghadda l-flus lill-intimata, kien fadallu bilanc ta` madwar £90,000 fil-kontijiet bankarji tieghu. Dwar dan ipprezenta diversi *statements*. Minnhom jirrizultaw dawn il-figuri :

**<u>Nationwide Bank</u> :**

| | |
|---|---|
| 31 ta` Dicembru 2010 | £30,935.47 |
| 31 ta` Dicembru 2011 | £30,950.14 |
| 31 ta` Dicembru 2012 | £28,071.81 |
| 30 ta` Settembru 2013 | £28,281.62 |
| 31 ta` Novembru 2014 | £28,335.28 |
| 31 ta` Lulju 2015 | £28,611.90 |
| 12 ta` Novembru 2016 | £29,238.05 |
| 30 ta` Settembru 2017 | £29,263.91 |
| 28 ta` Settembru 2018 | £29,294.06 |

**<u>Halifax Bank</u> :**

2014 £49,250.44

L-attur xehed illi l-import kollu tal-*banker`s draft* kien interament derivanti mill-wirt taz-zija tieghu. L-*istatements* bankarji jixhdu li fil-21 ta` Mejju 2013 ir-rikorrent ircieva b`wirt is-somma ta` £37,920 u l-bilanc fil-kont tela` ghal £38,010.65. Wara li gibed is-somma in kwistjoni, fil-kont kien fadal bilanc ta` £10.65. L-*istatements* juru li ghalkemm il-kont partikolari minn fejn ingibdu l-flus spicca b`bilanc ta` £10.65 biss, fil-mument tad-donazzjoni, fil-kont bankarju tal-attur ma` Nationwide Bank kien hemm bilanc ta` £28,281.62. Ma jirrizultax x`kien l-istat tal-kont ma` Halifax Bank fl-2013. Jirrizulta biss illi fl-2014 l-attur kellu depoziti fl-ammont ta` £28,335.28 u £49,250.44, komplessivament ammontanti ghas-somma ta` £77,585.72.

**Fl-isfond ta` dan l-assjem ta` provi cari u inekwivoci, il-Qorti qeghda tesprimi ruhha fis-sens illi ghalkemm il-figura ta` £38,000 *qua* figura tidher gholja, oggettivament tissoddisfa l-ewwel element.**

**ii. <u>It-tieni element</u>**

Fil-kaz ta` dan l-element, id-difiza tal-intimata ma tistax tirnexxi. Qed jinghad hekk ghaliex filwaqt li fin-nota li kienet annessa mac-cheque de quo l-konvenuta kienet sollecitata sabiex tizbanka l-flus, u allura b`hekk tirrizulta l-immedjatezza tat-*traditio*, ma jistax jinghad illi tirrizulta l-irrevokabilita`. Effettivament qatt ma ssemma li dik l-awtorizzazzjoni ghall-izbank kienet irrevokabbli. Daqskemm tinsisti l-intimata li r-rikorrent qatt ma kien qalilha li l-flus kellha troddhom lura, daqstant iehor ma jirrizultax li kien hemm xejn xi jzomm lill-attur milli jibdel il-fehma tieghu u jirrevoka dak li kien afferma fin-nota. Huwa propju ghal din ir-raguni, u cioe` sabiex

tipprevjeni ripensamenti, li l-ligi tinsisti fuq l-element tat-*traditio* immedjat u rrevokabbli.

Din il-Qorti trid izzomm quddiemha l-principju tad-dritt Ruman, tutt`ora vigenti, illi "*in dubio autem donatio non praesumitur*". (ara wkoll – "**<u>Gauci vs Borg</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili [MCC] – 4 ta` Frar 1965)

**iii. <u>It-tielet element</u>**

Jirrizulta li l-attur kellu l-"*animus donandi*", u cioe` ir-rieda spontaneja li jaghmel kontribuzzjoni patrimonjali gratuwita minn hwejgu favur il-konvenuta minhabba hbiberija tant illi stedinha tigbed il-flus. B`hekk kien ippruvat illi l-attur kien dispost li jinvesti ruhu <u>immedjatament</u> mill-flus. Madanakollu, l-<u>irrevokabililta`</u> ta` l-ghotja ma tirrizultax illi kienet garantita.

Il-Qorti tqis ukoll illi ghalkemm irrizulta li l-attur kien mentalment kapaci, irrizulta wkoll li kien ghaddej minn zmien difficli. Il-qaghda accertata ta` *self neglect* u *malnutrition* xejn ma kkontribwiet ghall-*well-being* tieghu. Emmen li kien ser imut u haseb sabiex iqassam gidu matul hajtu. Il-gest tieghu kien ghalhekk motivat minn sitwazzjoni li kkondizzjonat il-hsieb tieghu.

Accertat dan u nonostante l-hbiberija bejn il-partijiet, l-attur ma kellux il-hsieb illi jaghti dak ic-cheque b`mod irrevokabbli.

**Stabbilit illi kienu nieqsa tnejn mit-tlett elementi li jikkwalifikaw l-ghotja bhala rigal manwali, isegwi illi l-ghotja ma tikkwalifikax ghall-ezenzjoni mill-formalitajiet rikjesti mil-ligi.**

**Konsegwentment id-donazzjoni de qua minghajr att pubbliku hija nulla u minghajr effett fil-ligi.**

**Il-konvenuta ghandha ghalhekk trodd lill-attur it-GBP 38,000, import tal-*bankers` draft* li baghatilha l-attur, u li ssarraf mill-konvenuta.**

L-attur talab li jithallas l-imghax legali b`effett mit-8 ta` Awissu 2013.

Il-Qorti tghid li l-attur m`ghandux jedd ghall-hlas ta` imghax b`effett minn dik id-data.

Tosserva li l-attur ha z-zmien tieghu biex talab li jiehu lura l-flus li kien ghadda lill-konvenuta. It-talba saret bil-fomm fl-2016.

Ghalkemm issemmiet ittra ufficjali li jidher li kienet prezentata mill-attur fl-1 ta` Settembru 2017, ma hemmx accenn ghal din l-ittra ufficjali fir-rikors guramentat, ma kenitx prezentata kopja legali taghha, u lanqas jirrizulta kenitx notifikata lill-konvenuta.

**Il-Qorti sejra toqghod fuq id-data tan-notifika tal-konvenuta bir-rikors guramentat sabiex jiskatta l-hlas tal-imghax legali.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi -**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni billi din kienet irtirata fil-mori tal-kawza wara d-dikjarazzjoni li ghamel l-attur fl-udjenza tas-27 ta` Marzu 2018.**

**Tilqa` r-raba` eccezzjoni.**

**Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tichad l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni, it-tielet u r-raba` talbiet.**

**Riferibbilment ghar-raba` talba, ghandu jiddekorri favur l-attur imghax legali b`effett mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art. 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**